



L-Aħjar Prassi fit-Taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: Valutazzjoni tal-Bżonnijiet ta' Taħriġ (TNA)

Tip ta' prassi: L-Aħjar Prassi

Istituzzjoni: L-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA)

April 2014

Titolu tal-prassi	Ħtiġijiet ta' Taħriġ, Evalwazzjoni u Valutazzjoni tal-Impatt
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Din l-Evalwazzjoni u s-Sistema tal-Valutazzjoni tal-Impatt kienet maħsuba apposta biex tevalwa r-riżultat tas-sessjonijiet ta' ħidma organizzati għall-implimentazzjoni ta' moduli ta' taħriġ fil-qasam tal-liġi tal-familja tal-UE għall-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Xahrejn jew tliet xhur qabel l-implimentazzjoni ta' kull sessjoni ta' ħidma, jintbagħat kwestjonarju inizjali ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, flimkien mal-formola ta' reġistrazzjoni, lil parteċipanti interessati (jew reġistrati). Permezz ta' dan il-kwestjonarju qasir l-applikanti jipprovdu ħarsa ġenerali tal-isfond professjonali u l-esperjenza tagħhom fil-qasam tal-liġi tal-UE b'mod ġenerali, u, b'mod aktar konkret, fil-qasam tal-liġi tal-familja tal-UE.</p> <p>Il-mistoqsijiet huma maħsuba biex jinvestigaw ir-raġunijiet li għalihom l-imħallfin u l-prosekuturi rreġistraw biex jieħdu sehem, flimkien mal-aspettattivi tat-taħriġ tagħhom meta jattendu s-sessjoni ta' ħidma.</p> <p>Permezz tal-evalwazzjoni ta' din id-dejta, l-organizzaturi tat-taħriġ jkunu jistgħu jgħbr u jgħarr informazzjoni importanti dwar il-profil professjonali tal-applikanti, il-livell tal-għarfien tagħhom tas-suġġetti involuti u, konsegwentement, jiddefinixxu liema prijoritajiet ta' taħriġ se jaqblu l-aktar mal-oġġettivi tal-programm.</p> <p>Din il-fażi preliminari ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ għandha potenzjal għal effett doppju fuq l-effiċjenza ta' taħriġ fl-oqsma ta' għażla ta' applikanti rreġistrati u d-definizzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ individwali tal-applikanti.</p>



<p><i>Dettagli kuntatt istituzzjoni</i></p>	<p>Academy of European Law (ERA) Metzer Allee, 4 54295 Trier Germany Telefown: + 49 651 93737-0 Il-faks: + 49 651 93737-773 Posta Elettronika: info@era.int Sit elettroniku: http://www.era.int</p>
<p><i>Kummenti oħrajn</i></p>	<p>Għalkemm kull istituzzjoni ta' taħriġ għall-ġudikatura fl-UE implimentat is-sistema tagħha stess għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, inġabru xi ideat partikolarment interessanti matul l-istudju attwali.</p> <p>Il-mekkaniżmu deskritt hawn fuq jirrappreżenta eżempju tajjeb tal-interkonnnessjoni bejn il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-evalwazzjoni tat-taħriġ, peress li nbena bħala proċess doppju ta' evalwazzjoni immedjata u evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-effett tat-taħriġ. Dan jista' jitqies bħala l-AĦJAR PRASSI.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lot 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ ta' imħallfin u prosekuturi", imwettaq minn Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)